MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1179/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited (C-597)**

**Vs**

**Wayne Wingfield**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm393.66c) rapprezentanti hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u

in rapprezentanza tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurata taghha Poseidon Foods Limited Vs Wayne Wingfield (Avviz 709/03JB) deciza fis-16 ta’ Gunju, 2003 li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 t’Awissu, 2002 gewwa Vjal 21 ta’ Settembru n-Naxxar bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni CAM 114 u l-vettura proprjeta’ ta’ Poseidon Foods Limited bin-numru ta’ registrazzjoni BAF 372 u dan wara li l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta’ attrici dwar l-incident *de quo* u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhalma kien obbligat li jaghmel ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza u jintitola lis-socjeta’ attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini ta’ l-istess.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-istess socjeta’ ma harsitx id-drittijiet spettanti lilha fil-kaz mertu ta’ dan l-Avviz odjern, kif sejjer jirrizulta waqt il-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ramona Frendo u ta’ Wayne Wingfield.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti.

Ra l-inkartament tal-process Avviz 709/03JB GasanMamo Insurance Agency Limited nomine Vs Wayne Wingfield deciza minn dan it-Tribunal diversament presjedut fis-16 ta’ Gunju, 2003.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi b’rizultat tal-kawza “GasanMamo Insurance Agency Limited nomine Vs Wayne Wingfield” fuq imsemmija, a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, s-socjeta’ attrici odjerna hallset lill-GasanMamo Insurance Agency Limited is-somma

komplessiva ta’ tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm393.66c) kif jirrizulta mid-dokument a fol 21 tal-process.

Li dan l-ammont jirrapprezenta kwantu ghal mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm277.58c) bhala sorte, erbgha u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm94.80c) bhala spejjez ta’ l-imsemmija kawza u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm21.28c) bhala nteressi.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut twieled fl-1 ta’ Lulju, 1982, l-incident sar fil-5 t’Awissu, 2002 u konsegwentement fil-mument ta’ l-incident huwa kellu ghoxrin sena. Mill-*insurance cover note* esebita permezz ta’ Nota tal-4 ta’ Marzu, 2005 hemm indikat illi l-*excess* pagabbli minn sewwieqa taht il-wiehed u ghoxrin sena huwa ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175) li maghhom wiehed ghandu jzid hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* kif indikat fil-partita ndikata “Excess” fl-*insurance cover* a fol 35 tal-process.

Jirrizulta li fil-fatt il-konvenut qatt m’ghamel *claim* u lanqas ma hallas l-*excess.*

Jirrizulta wkoll illi meta l-konvenut ircieva d-dokumenti relattivi ghall-kawza GasanMamo Insurance Agency Limited Vs Wayne Wingfield huwa naqas milli javza lis-socjeta’ attrici odjerna ghalkemm hija kienet giet avvzata b’tali proceduri u ma ntervjenietx fihom.

Fl-Avviz tas-smiegh is-socjeta’ attrici qieghda timplika li minhabba fin-nuqqas da parti tal-konvenut il-polza giet invalidata izda jigi rimarkat f’dan ir-rigward li dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni biex jidhol fil-materja u f’kull kaz m’huwiex necessarju u dan billi l-istess socjeta’ attrici hallset lil GasanMamo Insurance Agency Limited is-somma mitluba a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 104 liema hlas jimplika l-ezistenza ta’ polza.

Illi a tenur tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici l-kumpens addizzjonali li

l-istess socjeta’ attrici hallset bhallikieku hija, a tempo vergine, kienet thallas kieku l-kaz ma tressaqx il-Qorti.

Illi ghalhekk mis-sorte mitlub il-konvenut ghandu jhallas biss mitejn lira Maltin (Lm200) izda ghandu jhallas ukoll l-ispejjez legali kollha kif ukoll l-interessi kollha li hallset is-socjeta’ attrici li komplessivament igibu total ta’ tlett mija u sittax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm316.08c).

It-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm ammont addizzjonali ta’ ko-responsabbilta’ li seta’ kien hemm fir-rigward tas-sewwieq l-iehor u dan stante illi huwa evidenti mid-dokumenti esebiti illi r-responsabbilta’ unika ghall-kollizjoni kienet tal-konvenut li hareg minn fuq *side road* ghal fuq *main road* u qasam il-karreggjata ta’ l-istess *main road* minghajr ebda sinjal ta’ pre-avviz u bi ksur totali tar-regolamenti fir-rigward. F’kull kaz, kif gja’ nghad, is-socjeta’ attrici kienet avvzata bl-imsemmija kawza u ma ntervjenietx. Dak kien il-*forum* proprju biex din il-kwistjoni tigi *ventilata* u *epurata*.

Illi minkejja l-ammont likwidat b’din is-sentenza hu anqas mill-ammont mitlub mill-atturi, ma jhossx li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez u dan billi l-kaz ma kienx jasal f’dan l-istadju kieku kien hemm il-minimu ta’ kooperazzjoni da parti tal-konvenut u kieku l-istess konvenut mexa ma’ dak li kien hemm dispost fil-polza ta’ assigurazzjoni li kellu mas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u sittax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm316.08c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------